MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 720/1992/2

**Antonia Dalli**

**Vs**

**Maria mart Carmelo Dalli u l-istess Carmelo Dalli bhala kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu kif ukoll bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2012 wara l-mewt ta' Maria Dalli, l-atti gew trasfuzi f' isem Antonia, Orazio, Angela (Deguara), Adam, John Mary, Paul, Charles u Mario ahwa Dalli u lit-tifel ta' binha mejjet Charles Dalli; Guseppa armla ta' Emanuel Sammut u b' digriet tat-23 ta' April 1999, gew trasfuzi l-atti fl-ismijiet ta' Doris Zammit, Alberta Sammut, Grace**

**Pace, Angela Sammut, Paul Sammut, Charles Sammut, Mary Ann Sammut, Raymond Sammut u Eugenio Sammut; Fidiela armla ta' Joseph Grech; Carmela mart Joseph Bonett u l-istess Joseph Bonett bhala Kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-imsemmija martu kif ukoll bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u Theresa mart Frangisku Farrugia kif ukoll l-istess Frangisku Farrugia bhala Kap tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-imsemmija martu u bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u Lorenzo, Salvu u Angelo ahwa Caruana; u wara l-mewt ta' Lorenzo Caruana l-atti gew trasfuzi f-isem Joseph, Carmelo, Rita mart Stephen England, Angelo, Victor, Michelina u Antonio lkoll ahwa Caruana; u b' digriet tal-14 ta' Dicembru 2012, wara l-mewt tal-konvenut Angelo Caruana l-atti gew trasfuzi f-isem Angelo, Carmelo, Rita mart Frank Spiteri, Rose mart Anthony Vella, Michelle mart John Carabott u Silvana xebba, lkoll ahwa Caruana.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata l-24 ta' Gunju, 1992, li permezz taghha l-attrici fuq indikata ippremettiet is-segwenti:

1.1 Illi ghal numru ta' snin irrendiet servigi lil Francesco Saverio Caruana li miet fil-11 ta' Jannar, 1992;

1.2 Illi l-konvenuti minnha indikati fl-istess citazzjoni promotrici huma eredi tal-istess Francesco Saverio Caruana fuq riferit;

1.3 Illi l-attrici ma thallsitx ghas-servigi minnha resi kif fuq allegat;

1.4 Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din m'ghandhiex:

1.4.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici irrendiet servigi lill-mejjet Francesco Saverio Caruana;

1.4.2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-attrici;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti;

2.0 Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Giuseppe Sammut, Fidelia Grech, Carmela u Joseph konjugi Bonnett, Teresa u Frangisku konjugi Farrugia, Lorenza Caruana u Salvu Caruana datata l-5 t'Ottubru, 1992, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

2.1 Illi Joseph Bonnett u Frangisku Farrugia ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi m'humiex legittimi kontraditturi u lanqas ghandhom *locus standi* fil-kawza;

2.2 Illi hemm pendenti proceduri ghall-apertura tas-successjoni tal-mejjet Francesco Saverio Caruana quddiem il-qorti appozita u ghalhekk, sal-lum m'hemm l-ebda eredi nominati;

2.3 Illi l-azzjoni hi preskritta *a tenur* tal-artiklu 2156 tal-Kodici Civili;

2.4 Illi l-attrici ma irrendiet l-ebda servigi lid-*decuius* billi dan kien kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu minghajr l-ebda ghajnuna hlief ghall-ahhar tlett (3) ijiem qabel il-mewt tieghu;

2.5 Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0 Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Angelo Caruana datata l-11 ta' Marzu, 1993, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

3.1 Illi t-talbiet attrici huma preskritti *a tenur* tal-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3.2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servigi rikjamati mill-attirci ma gewx rezi *animo compensandi* billi l-mejjet Francesco Saverio Caruana jigi z-ziju tal-attrici;

3.3 Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata t-12 ta' Marzu, 1993, li permezz tieghu hatret lill-perit legali hemm indikat, (ara foll 26 u 27);

5. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament presedura datat it-3 ta' Frar, 1999, li permezz tieghu issostitwiet lill-perit legali pecedenti b'dan indikat fl-istess digriet, (ara foll 46);

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-22 ta' Novembru, 2006, fejn gie sottolineat li wara li giet informata ma gewx iffissati seduti, irrevokat l-inkarigu kif indikat fil-paragrafu precedenti u ssostitwiet lill-perit legali b'dik indikata fl-imsemmi digriet, (ara foll 89), ghalkemm jidher li dak indikat fl-imsemmi digriet mhux l-istess wiehed originarjament indikat fid-digriet indikat fil-paragrafu numru hamsa (5) aktar qabel, (ara foll 46);

7. Rat ir-relazzjoni peritali ipprezentata fir-registru ta' din il-qorti datata l-15 ta' Novembru, 2012, (ara foll 142);

8. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 158);

9. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet attrici datata l-4 t’Ottubru, 2013, (ara foll 161);

10. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata t-18 t’Ottubru, 2013, (ara foll 165);

11. Rat in-nota attrici datata l-24 ta’ Frar, 2014, li permezz taghha l-istess attrici gabet a konjizzjoni tal-qorti t-tibdiliet rezi necessarji fl-okkju tal-kawza minhabba l-izviluppi naturali li sehhew tul il-kors ta’ din il-procedura, (ara foll 172);

12. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

13. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

14.0 Illi minn ezmi tar-rizultanzi kif delineati mill-abbli perit legali fuq riferit l-azzjoni odjerna tirrigwarda sintetikament is-segwenti:

14.1 Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ servigi li l-attrici tallega li irrendiet liz-ziju taghha Francesco Saverio Caruana;

14.2 Illi l-istess attrici tallega li rrendiet is-servigi minnha hekk allegali ghal numru ta’ snin sa kemm iz-ziju taghha miet fil-11 ta’ Jannar, 1992;

14.3 Illi l-konvenuti u l-aventi kawza taghhom huma l-eredi tal-imsemmi *decuius*;

14.4 Illi l-attrici issostni li ma thallset xejn ghas-servigi minnha hekk rezi;

14.5 Illi konsegwentement kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna in tutela tad-drittijiet minnha allegati fir-rigward;

Ikkunsidrat:

15.0 Illi bhala effett tat-tul ta' zmien riskontrat f'din il-procedura jirrizulta li fil-mori tal-kawza kien hemm l-izvilupp skoncertanti segwenti:

15.1 Illi l-attrici tirrizulta li hi bint wahda mill-konvenuti Maria Dalli;

15.2 Illi l-imsemmija konvenuta Maria Dalli mietet fil mori tal-kawza, senjatament fil-5 t'Ottubru, 2004, (ara foll 136);

15.3 Illi konsegwentement, l-attrici fuq indikata hi wkoll konvenuta fl-istess procedura bhala wahda mis-successuri universali ta' l-imsemmija Maria Dalli;

15.4 Illi nonostante l-istess sitwazzjoni hekk zviluppata kif indikat fil-paragrafu precedenti, l-imsemmija attrici ma

tirrizultax li talbet li tkun legittimata in atti flimkien ma' hutha u iben huha mejjet, (ara foll 135);

Ikkunsidrat:

16.0 Illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1 Illi Francesco Saverio Caruana, iz-ziju taghha, kien hu l-mama` taghha Maria Dalli;

16.2 Illi tallega li damet tghinu ghal hamsa u ghoxrin (25) sena;

16.3 Illi s-servigi rezi kienu s-segwenti:

16.3.1 Hasil t'oggetti tal-kcina;

16.3.2 Ghajnuna meta jkun marid – ghalkemm ma kienx fis-sodda;

16.3.3 Kienet tiehdu bil-karozza ghand it-tabib;

16.3.4 Illi l-frekwenza riskontrata fis-servigi rezi minnha lill-imsemmi ziju kienet ta' darbtejn (2) fil-gimgha;

16.3.5 Illi dawn il-visiti gieli damu erba` (4) sieghat;

16.4 Illi ghalkemm l-imsemmi ziju kien wieghed hlas ta' dan lill-attrici fil-fatt qatt ma hallasha tas-servigi minnha rezi;

16.5 Illi l-mezzi tal-imsemmi *decuius* jirrizultaw is-segwenti:

16.5.1 Depozitu ta' elf u mitt Lira Maltin, (LM1,100.00);

16.5.2 Illi mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti thallas il-funeral tieghu;

16.5.3 Zewgt (2) isnieter;

16.5.4 Sehem minn ghalqa li wiret minghand il-mama` tieghu li kien effettivament biegh;

Ikkunsidrat:

17. Illi l-uniku membru tal-familja li l-attrici jssostni li kien imur izur lil dan Francesco Saverio Caruana kien Angelo Caruana;

18. Illi l-attrici ssostni li kienet hadet it-televizjoni u z-zewgt (2) isnieter tal-istess ziju taghha fuq riferit fid-dar taghha;

19. Illi eventwalment is-snieter iddepozitathom ghand il-Pulizija;

20. Illi wara li l-istess ziju kien sofra minn attakk koronarju, l-attrici ssostni li kienet tigborlu r-ricetta medika u l-pilloli;

21. Illi kienet ukoll tiehu hsieb il-kwistjonijiet tieghu tas-sigurta` socjali;

Ikkunsidrat:

22.0 Illi komplessivament, l-analisi tal-fatti kif fuq espost da parti tal-attrici hu kkonfermat minn huha Mario, wiehed mill-konvenuti, li jzid ukoll li l-attrici kienet:

22.1 Tahsel l-art tad-dar fejn kien joqghod iz-ziju *de quo*;

22.2 Tahsel il-hwejjeg tal-istess ziju;

23. Illi pero` l-istess Mario indikat fil-paragrafu precedenti isostni li l-attrici u z-ziju in dizamina kienu iggieldu xi erba' (4) jew hames (5) snin qabel ma miet;

24 Illi wara dan, l-istess Francesco Saverio Caruana baqa' jghix wahdu u indipendenti;

25. Illi l-hwejjeg tieghu kienet tahsilhom Sylvia Dalli mart l-imsemmi Mario fuq indikat;

26. Illi x-xhieda tal-imsemmi Mario hi suffragata minn martu Sylvia;

Ikkunsidrat:

27.0 Illi minn xhieda ta' familjari ohra tal-imsemmi Francesco Saverio Caruana jirrizulta sintetikament is-segwenti:

27.1 Illi Francesco Saverio Caruana baqa' b'sahhtu sa ma miet;

27.2 Illi addirittura kien ukoll imur jonsob u jikkaccja;

27.3 Illi baqa' indipendenti u jaghmel kollox hu;

27.4 Illi kien ukoll jahdem fl-ghalqa madwar saghtejn (2) kuljum;

27.5 Illi kien jghix wahdu;

27.6 Illi kien hemm diversi nies li kienu jassistuh fl-esigenzi tieghu;

27.7 Illi kien ta' sahha normali sa ghaxart (10) ijiem qabel ma miet;

27.8 Illi x-xiri u tisjir kien jiehu hsiebhom l-istess *decuius*;

Ikkunsidrat:

28 Illi din il-qorti taqbel perfettament mal-abbli espert legali inkarigata li ssostni li:

> " din il-kawza spiccat thawdet fix-xibka tal-pika familjari ", (ara fol 147);

29 Illi effettivament tissottolinea li din il-pika qatt ma missha thalliet tiskala b'dan il-mod u r-raguni retta tirrikjedi li din kien missha giet rizolta b'mod ferm differenti;

Ikkunsidrat:

30.0 Illi rigward l-eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Bonnett u Frangisku Farrugia li m'humiex il-legittimi kontradditturi u li ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1 Illi sahansitra l-kawza odjerna ipprecediet l-Att XXI tal-1993;

30.2 Illi l-imsemmi Att biddel radikalment il-ligijiet tal-familja u ta' awtonomija legali gdida lin-nisa mizzewgin;

Ikkunsidrat:

31. Illi fiz-zmien meta giet intavolata l-procedura odjerna l-artiklu 1375 tal-Kodici Civili kien jaqra bil-mod segwenti:

> “L-amministrazzjoni tal-beni parafernali tal-mara, illi l-frottijiet taghhom … ghandhom jidhlu fil-akkwisti, tmiss lir-ragel”;

32. Illi skont l-artiklu 1388 l-istess Kodici kien jistabilixxi li l-mara ghandha t-tregija u t-tgawdija tal-beni parafernali taghha;

33. Illi b’mod aktar esplicitu, l-artiklu sussegwenti ghal dak indikat fil-paragrafu precedenti kien jistabbilixxi li l-mara mizzewga ma kinitx tista’ titrasferixxi jew tobbliga dawn il-beni, lanqas ma tista’ tidher f’kawzi dwar dawk il-beni u dan minghajr il-kunsens tar-ragel jew bl-awtorizzazzjoni tal-qorti;

Ikkunsidrat:

34.0 Illi in vista tas-suespost jirrizulta assodat li:

34.1 L-attrici kienet korretta li tindirizza ic-citazzjoni odjerna kontra l-konvenuti Bonnett u Farrugia fuq riferiti;

34.2 Illi konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Giuseppa Sammut, Fidiela Grech, Carmela u Joseph Bonnett, Teresa u Frangisku Farrugia, Lorenzo Caruana u Salvu Caruana qieghda tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti hawn elenkati;

Ikkunsidrat:

35.0 Illi rigward l-intempestivita` tal-azzjoni sollevata min uhud mill-konvenuti jinghad sintetikament is-segwenti:

35.1 Illi l-konvenuti involuti ma ressqu l-ebda prova fir-rigward;

35.2 Illi fil-procedura odjerna li hadet tnejn u ghoxrin (22) sena biex tilhaq il-kulmine taghha, ma jirrizultax li tqajjem xi dubju dwar jekk il-konvenuti kienux verament l-unici werrieta tad-*decuius* in dizamina;

35.3 Illi f'dan ir-rigward il-principju awreu jirrizulta li hu li min jallega jrid jipprova;

35.4 Illi ghalkemm din l-allegazzjoni giet sottomessa mill-konvenuti in dizamina, ma jirrizultax li ressqu provi fir-rigward;

35.5 Illi ghalhekk, tenut kont tas-suespost, anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti;

Ikkunsidrat:

36.0 Illi rigward l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kwinkennali *ai termini* tal-artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili, jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1 Illi skont **Ivy Angus vs Joseph Calleja** nomine **tal-Qorti Civili Prim'Awla, datata l-15 ta' Frar, 1958** (Volum XLII p.924), hu stabbilit is-segwenti:

"Il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni hija dik ta' hames snin. Bhala brevi, din il-preskrizzjoni hija mhux biss prezuntiva tal-pagament, imma anke ta' inezistenza ta' obbligazzjoni … Il-preskrizzjoni tibqa' ta' hames snin anki jekk fl-istess servigi jkun hemm kontinwazzjoni taghhom";

36.2 Illi l-istess principji huma wkoll elenkati fid-diversi sentenzi citati fl-istess decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti f'dawk elenkati fir-relazzjoni peritali in dizamina li, a skans ta' ripetizzjoni inutili u dilungar zejjed, qed isir referenza ghalihom anke f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat:

37.0 Illi konsegwenza tal-istess minn ezami rogoruz tal-procedura odjerna jirrizulta assodat sintetikament is-segwenti:

37.1 Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fl-24 ta' Gunju, 1992, (ara paragrafu numru wiehed punt zero, (1.0.), aktar qabel, u foll 1);

37.2 Illi ma jirrizultax li saret xi prova tal-interruzzjoni tat-terminu preskrittiv *de quo*, u dan:

37.2.1 La b'xi att gudizzjarju;

37.2.1 Lanqas b'xi rikonoxximent esplicitu mill-beneficjarju;

Ikkunsidrat:

38. Illi in vista tal-premess il-perjodu operattiv li ghandu jittiehed ghall-fini tas-servigi prestati ghandu jkun dak li setghu inghataw mill-attrici fil-perjodu bejn l-24 ta' Gunju, 1987, u l-11 ta' Jannar, 1992, meta l-imsemmi Francesco Saverio Caruana miet, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

39 Illi l-attrici tinsisti fix-xhieda minnha moghtija li hi ipprestat is-servigi minnha hawn pretiz il-hlas tieghu, u dan ghamlitu bil-hsieb li tithallas tal-istess servizz;

40. Illi l-attrici strahet biss fuq ix-xhieda taghha stess u ghazlet li ma tipproduci l-ebda prova tangibbli, oggettiva w indipendenti biex tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha;

41.0 Illi nonostante l-allegazzjonijiet tal-attrici li ipprestat is-servigi *de quo* ghal hamsa u ghoxrin (25) sena shah, jirrizulta assodat is-segwenti:

41.1 Illi din l-allegazzjoni giet kontradetta mill-konvenuti;

41.2 Illi l-istess assistenza ma tirrizultax li kienet kontinwa;

41.3 Illi *di piu`*, l-attrici u d-*decuius* jirrizulta li kienu tlewmu u ghamlu snin ma jikkomunikawx ma' xulxin;

Ikkunsidrat:

42. Illi kif gie ritenut fil-kawza fuq riferita fl-ismijiet **Ivy Angus vs Joseph Calleja** nomine, (ara paragrafu numru sitta u tletin punt wiehed, (36.1.), aktar qabel):

"Illi azzjoni simili, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali, hija bbazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimament fuq il-presunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servizz lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenoke` ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bl-ebda hsieb li jkun kumpensat ghalih, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "*familiaritatis seu pietatis causa*"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama is-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha,

sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jittenta”, (Volum XLII p. 925);

Ikkunsidrat:

43.0 Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

43.1 Illi jirrizulta li l-attrici ipprestat servigi lil zijuha;

43.2 Illi pero`, dawn is-servigi jirrizultaw limitatissimi kemm fil-kontenut kif ukoll fil-firxa taz-zmien;

44 Illi konsegwenza tal-istess, din il-qorti taqbel mal-fehma espressa mill-abbli perit legali li l-attrici jisthoqqilha tircievi kumpens fir-rigward, u dan ghall-perjodu gia` fuq indikat mill-24 ta’ Gunju, 1987, sal-11 ta’ Jannar, 1992, (ara paragrafu numru tmienja u tletin, (38), aktar qabel;

45 Illi f’dan il-kuntest, a skans ta’ dilungar inutile, din il-qorti tiddikjara li taqbel mal-konkluzjoni tal-istess perit legali fuq riferita fir-rigward fejn, ghar-ragunijiet minnha esposti fir-relazzjoni taghha, stabbiliet li l-istess attrici jisthoqqilha tircievi is-somma ta’ mitejn u hamsin Ewro, (€250.00), ghall-istess servigi minnha prestati fil-perjodu fuq indikat;

**DECIDE:**

46.0 Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

46.1 Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici irrendiet servigi lil Francesco Saverio Caruana;

46.2 Tillikwida l-kumpens dovut lill-attrici fil-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro, (€250.00);

46.3 Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attrici l-kumpens likwidat fil-paragrafu precedenti;

46.4 Bl-ispejjez rimanenti u kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------